MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**STQARRIJA GĦALL-MIDJA**

# La Valette Multi Manager Property Fund – Reviżjoni indipendenti tal-fajls tal-investituri

F'Ġunju tal-2012, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('l-MFSA') ħabbret li kienet ikkonkludiet it-tielet investigazzjoni tagħha dwar il-La Valette Multi Manager Property Fund ('il-Fond'). L-istqarrija tal-Awtorità tat ukoll dettalji dwar Direttiva fejn talbet lill-Bank of Valletta ("il-Bank") jikkopera ma' reviżjoni tal-fajls tal-investituri minn kumpannija professjonali indipendenti, imqabbda mill-Awtorità għas-spejjeż tal-Bank.

L-Awtoritá speċifikat kif kellha ssir din ir-reviżjoni ndipendenti tal-fajls, u talbet ditti biex jissottomettu l-proposti tagħhom għal dan ix-xogħol. F'Settembru, l-Awtoritá ħabbret li, wara li eżaminat u pparagunat il-proposti li kienet irċeviet, hija kienet għażlet lil Mazars, ditta internazzjonali tal-accountancy u konsulenza, sabiex teżamina l-fajls bl-għan li tivverifika l-validitá tad-dikjarazzjoni li għandu l-Bank dwar jekk investitur kienx ta' esperjenza.

Mazars bdiet ir-reviżjoni ndipendenti tal-fajls fil-bidu ta' Settembru u, fil-21 ta' Diċembru, hija ssottomettiet ir-Rapport ta' Espert Indipendenti lill-Awtoritá. F'dan ir-Rapport, Mazars ġabret u kkunsidrat kull informazzjoni rilevanti dwar il-bejgħ tal-units fil-Fond mill-Bank lill-investituri, eżaminat id-dokumentazzjoni kollha li għandu l-Bank u kumpanniji assoċjati miegħu (inklużi Valletta Fund Management Limited u Valletta Fund Services Limited) dwar il-bejgħ tal-Fond, sabiex tiddetermina liema investituri ssodisfaw il-kriterji ta' "investitur ta' esperjenza", kif definit fil-provvedimenti tal-prospett supplementari tal-Fond, u elenkat dawk l-investituri li ma kienux jissodisfaw il-kriterji ta' investituri ta' esperjenza.

F'dan l-istadju, l-Awtoritá se timxi fuq il-linji tad-Direttiva lill-Bank tal-1 ta' Ġunju, 2012, billi tibgħat lill-Bank il-lista finali ta' investituri li ma kienux eliġibbli biex jinvestu f'dan il-fond, u li l-Bank għandu joffrilhom kumpens addizzjonali. Din il-lista se tinkludi dawk l-investituri li kienu ressqu lment mal-Awtorità u li l-Bank qabel li huma eliġibbli għal kumpens addizzjonali.

Il-Bank għandu jinforma lill-investituri fuq din il-lista finali bl-intenzjoni li jgħaddilhom ħlas ta' kumpens addizzjonali.

**Communications Unit**
**Awtorità Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**31ta' Dicembru 2012**
**Ref: MFSA MR 06/2012**